Nru. 894

ORDNI TA' EMERĠENZA GĦALL-KONSERVAZZJONI

Artikolu 47 ta' l-Att ta' l-1992 dwar l-Ippjanar ta' l-Iżvilupp

L-AWTORITÀ ta' l-Ippjanar iddeċidiet li l-proprjetajiet li ġejjin, jiġifieri:–

120, 121, 122,
Triq Santa Luċia,
in-Naxxar

(ara l-pjanta f'paġna 7180) huma ta' valur arkitettoniku u għall-kuntest li jinsabu fih hekk li għandhom ikunu nkużi fil-lista ta' Proprjetà Skedata bħala bini ta' Grad 2, skond it-termini ta' l-Artikolu 46 ta' l-Att ta' l-1992 dwar l-Ippjanar ta' l-Iżvilupp.

L-Awtorità hija wkoll tal-fehma li l-proprjetajiet msemmija jinsabu fil-periklu li jiġu danneġġati.

L-Awtorità qiegħda b'hekk toħroġ Ordni ta' Emerġenza għal Konservazzjoni għar-rigward tal-proprjetajiet imsemmija hawn fuq, skond artikolu 47 ta' l-Att dwar l-Ippjanar ta' l-Iżvilupp.

(i) Il-proprjetajiet numri 120, 121, 122, Triq Santa Luċia, in-Naxxar, għandhom jitqiesu bħala proprjetajiet ta' Grad 2, skond il-*Policy* UCO 7 tal-Pjan ta' Struttura minħabba l-valur arkitettoniku tagħhom u għall-kuntest li jinsabu fih.

(ii) L-ebda żvilupp ma jista' jsir fl-ebda parti tal-proprjetajiet imsemmija.

(iii) L-ebda tkissir, ħsara, żvilupp, rdim, ċaqliq ta' materjal jew tneħħija ta' ġebel ma jista' jsir fl-ebda parti tal-proprjetajiet imsemmija.

(iv) Kull żvilupp, tibdil jew interventi oħra fuq il-proprjetajiet imsemmija, li jistgħu jkunu bil-permess, għandhom jiġu approvati minn qabel mill-Awtorità ta' l-Ippjanar b'konsultazzjoni mad-Dipartiment tal-Mużewijiet.

Din l-Ordni tibqa' fis-seħħ għal żmien sitt xhur mid-data tal-pubblikazzjoni ta' din l-Ordni.

Jekk il-proprjetà tiġi demolita jew mibdula bi ksur ta' din l-Ordni, l-Awtorità teżerċita s-setgħat tagħha ta' twettiq, kif imfissra f'artikoli 46, 52, 53 u 55 ta' l-Att. L-Att jaħseb għal pieni ħorox għall-ksur ta' kontroll fuq Proprjetà Skedata.

Is-26 ta' Diċembru, 1997

No. 894

EMERGENCY CONSERVATION ORDER

Section 47 of the Development Planning Act, 1992

THE Planning Authority believes that the following properties, namely:–

120, 121, 122,
Triq Santa Luċia,
Naxxar

(see site plan on page 7180) are of architectural and contextual value such that they should be listed as Grade 2 Scheduled Property, in terms of Section 46 of the Development Planning Act 1992.

The Authority also believes that the properties are in danger of being damaged.

The Authority is hereby issuing an Emergency Conservation Order in respect of the above properties in accordance with section 47 of the Development Planning Act.

(i) The properties Nos. 120, 121, 122, Triq Santa Luċia, Naxxar, are to be considered as a Grade 2 listed properties as per Structure Plan Policy UCO 7 by virtue of its architectural and contextual value.

(ii) No development will be permitted to any part of the aforementioned properties.


(iii) The destruction, infliction of damage, development, dumping or movement of material, or removal of stones within the property of the said buildings is prohibited.

(iv) All developments, alterations or interventions on the above properties, which might be permissible, must be approved in advance by the Planning Authority in consultation with the Museums Department.

The Order shall have effect for a period of 6 months from the date of publication of this Order.

If the property is demolished or altered or destroyed in contravention of this Order the Authority will exercise its powers of enforcement, as set out in sections 46, 52, 53 and 55 of the Act. The Act provides for severe penalties for contravention of control on Scheduled Property.

26th December, 1997



PLANNING AUTHORITY

(c) Copyright Planning Authority

Bounding Co-Ords.of Map:- Min E49455, N74616 Max E498771, N750821

St. Francis Ravelin
Floriana

PO Box 200, Valletta
Tel:240976 Fax:224846

Title :-

Emergency Conservation Order:

Naxxar

Ref No. :- **GF 0442/97**

Property Nos. 120, 121, 122
Triq Santa Lucija,
Naxxar

Grade 2

Form No. :- MU003